Abela għafas ħafna mal-Gran Mastru, fejn ħeġġu, biex, l-ewwel ma għandu jagħmel, jitkellem ma' Avukati, jieħu l-fehma tagħhom u ta' nies oħra li jifhmu sewwa dwar din il-biċċa. Wara, jekk ikun jinħtieġ, jitlob, ifittex u jħabrek ħalli jitħassar l-amar imsemmi, biex, kull meta jkun il-waqt, l-Istampatur, bil-ħlusija kollha, jista' jagħmel ukoll l-"Imprimatur" bl-isem tal-Maħtur mill-Gran Mastru fil-kotba li jistampa. Dil-ħaġa kienet issir hekk sa mill-bidu li nibtet l-Istampa f'Malta, u bħalma hekk ukoll hemm imfisser fil-privileġġ mogħti lil De Fiore.

Iżda, kollox fuq kollox, Abela kien tal-fehma wkoll, li, kemm-il darba dil-biċċa ma tirnexxix, kif jitlob il-ġieħ ta' l-Ordni, il-Gran Mastru kellu, mill-aktar fis, iżomm, iwaqqaf u jneħħi l-Istampa minn Malta. Tassew li dil-ħaġa ġiebet risq u ġid kbir fi Gżiritna; iżda l-Ordni ma kien jaqbillu qatt li joqgħod taħt setgħa bħal dik — setgħa li tnaqqaslu ħafna qatigħ mill-jeddijiet li jmissu.

Billi l-Ordni kien tal-ħsieb li ma jniżżilx rasu għall-amar tas-Sagra Kongregazzjoni, aktarx li wasal f'xi ftehim ma' l-Ingiżitur, ladarba l-Istampa f'Malta ma waqfitx malajr, iżda baqgħet hawn għal xi żmien ukoll wara l-1644. Mill-anqas hekk jidher mill-kotba li ġew f'idejna u li aħna tarrafna bihom fit-Tielet Taqsima ta' din il-ġrajja — kotba li jwasslu sa l-1656.

Minn dawk kollha li ħarġu ma' tul is-snin li semmejna (1644-1656), f'ebda wieħed minnhom ma nsibu mniżżel xi "Imprimatur", la tal-Gran Mastru, anqas ta' l-Ingiżitur; iżda dawn iġibu biss li ħarġu : : "Con permesso de' Superiori". Dan l-għamil jagħtina x'naħsbu, li l-biċċa tħalliet issir hekk bi ftehim għal xi żmien, ngħidu aħna, sakemm il-Gran Mastru jkollu l-wesgħa biżżejjed biex jikteb Ruma, ħalli jara jekk din tiċċaqlaqx xi ftit milli qatgħet, billi terġa' tagħmel xi ħsieb ieħor, iżjed meqjus minn ta' qabel, li jkun jaqbel aktar għall-ġieħ ta' l-Ordni.

B'danakollu, ma nafux infissru kif l-Ordni mexxa x-xogħol tiegħu f'din is-silta, biex jara jitħassarx dak l-amar tas-Sagra Kongregazzjoni, u b'hekk jeħles minn toqol kbir ta' għajb li riedu jitfgħu fuqu. Dwar din il-ħaġa, ma rnexxielna nsibu xejn, ebda dokument, li seta' jagħtina xaqq dawl, imqar mill-aktar żgħir u ċkejken, biex niksbu daqqa t'id bih, ħalli nferrxu dak iċ-ċpar li taħtu qed jaħbi l-ħidma li semmejna. Għalhekk, fuq din il-biċċa, irridu jew ma rridux, ikollna nisktu u nibqgħu f'ħemda tal-mewt.



Iżda, meta s-Sagra Kongregazzjoni tas-Sant'Uffizzju webbset rasha u riedet tgħaddi tagħha, billi dak li qatgħet bi, żammitu bħala li hu kollu xieraq u sewwa, l-Ordni ma riedx imejjel rasu u joqgħod għall-amar tagħha. Il-Gran Mastru deherlu li kellu l-jedd kollu, li, f'dak li hu qasam ta' l-Istampa, Ruma messha mxiet miegħu kif id-drawwa mas-Slaten ta' artijiet oħra, ladarba huwa wkoll kien jaħkem f'Malta bħala Sultan tagħha. Għalhekk, meta Laskri ra li ma hemm ebda ħjiel iżjed ta' xi tama, dwar din il-biċċa, kellu jaqa' li jagħmel kif qallu l-Viċi Kanċellier ta' l-Ordni, il-Kmandatur Ġanfranġisk Abela — ta daqqa fil-laħam il-ħaj, billi qaċċat u xejjen għal kollox l-Istampa minn Malta.

---

# Xewqat

*Lil kull ħabib.*

JEKK TWELID IL-FEDDEJ TAGHNA
NISSEL L-HENA FIL-BNEDMIN,
FETAH BERAH BWIEB IS-SEMA
BIEX JAGHMILNA FERHANIN,

JIEN NIXTIEQLEK SA MINN ISSA
HENA, BARKA, FERH U SLIEM;
JALLA L-ĠID IFAWWAR F'DAREK:
AQWA M'N HEKK ŻGUR MA NSIBX KLIEM.

VIC. APAP.

2/12/'44.